Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 5/2008

**Maurice L. Petrococchino**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Gunju, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur li biha informa lill-appellant bl-ammont ta' pensjoni li kien inghata wara li kienet saret revizjoni; l-appellant jikkontendi fl-appell tieghu li d-dipartiment kien zbaljat fil-konteggi tieghu u s-somma li fuqha kellha tigi kalkolata l-pensjoni messha kienet kull sena mghollija bl-ammont tal-gholi tal-hajja.

> Fit-twegiba tieghu d-Dipartiment jispjega li kull sena kien qed jikkonsidra din iz-zieda.
>
> Il-punti involuti gew bi qbil bejn il-partijiet trattati esawrjentement fl-appell numru 721/06 u wara gew ezaminati l-artikoli sollevati, gew spjegati c-cifri li fuqhom inhadmet il-pensjoni li skond id-Dipartiment kienet dovuta ukoll fil-kaz odjern.
>
> Fil-fehma tal-Arbitru l-ammont li wasal ghalih id-Dipartiment huwa dak applikabbli u dovut lill-appellanti u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud.**”**

L-ilment tar-rikorrenti fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza hu fis-sens illi l-Arbitru ma indirizzax kif jixraq il-gravam tieghu illi, u apparti z-zieda skond l-gholi tal-hajja, il-pensjoni tieghu kellha tigi riveduta fit-termini ta’ l-Artikolu 59 (3) tal-Kapitolu 318 biex tirrifletti z-zieda fic-*ceiling* tal-“*maximum pensionable income*” ghab-bazi tal-paragun mas-salarju mhallas b’xoghol analogu ghal dak ezercitat minnu meta kien fil-kariga fis-servizz tal-Gvern;

Jinzel sew mill-kontenut tar-rikors ta’ l-appell, kif ukoll mid-diversi Noti ta’ sottomissjonijiet quddiem l-Arbitru, illi l-kwestjoni centrali ta’ l-appellanti hi, skond il-fehma tieghu, koncepita f’dan is-sens.  Fis-snin 2005 u 2006 l-oghla dhul pensjonabbli gie ffissat skond l-Avviz Legali 5 ta’ l-2007 fl-ammont ta’ Lm6841 u Lm6958 rispettivament u, allura, iz-zieda fir-rata tal-pensjoni tieghu ghal dawk is-snin kellha tkun ta’ zewg terzi ta’ l-ammonti specifikati.  In aggunta, dejjem skond l-istess appellanti, u b’applikabilita` ta’ l-Artikolu 90A tal-Kapitolu 318, il-pensjoni tieghu kellha tizdied awtomatikament b’zewg terzi tal-gholi tal-hajja.  In sintesi, fl-opinjoni ta’ l-appellanti, ghas-snin imsemmija huwa kien intitolat sew ghaz-zieda kkontemplata fl-Artikolu 59 (3) kif ukoll ghal dik mahsuba bl-Artikolu 90A predett u mhux limitatament l-gholi taz-zieda tal-hajja taht l-Artikolu 90A;

Id-Direttur appellat jopponi din it-tezi ta’ l-appellanti b’dawn l-argomenti:-

1. Permezz ta’ Avviz Legali 5 ta’ l-2007 l-legislatur stabilixxa l-*maximum pensionable income* ghal Lm6841 b’effett mill-1 ta’ Jannar, 2005 u ghal Lm6958 b’effett mis-7 ta’ Jannar, 2006;

2. L-Artikolu 5 (a) tat-Tlettax-il Skeda ta’ l-Att principali, kif emendat bl-Avviz Legali XIX ta’ l-2006, stabilixxa x’ghandu jitqies id-dhul pensjonabbli massimu (Lm6958) mizjud bl-gholi tal-hajja ghal min twieled qabel il-31 ta’ Dicembru, 1961 u kien ser jirtira fil-jum wara l-1 ta’ Jannar, 2007. L-appellanti twieled qabel is-sena 1961 u rtira qabel l-1 ta’ Jannar, 2007;

3. L-appellanti beda jircievi pensjoni qabel is-sena 2005 u allura hu kien marbut mac-cifra ta’ Lm6750 (kif stabbilita ghas-sena precedenti 2004) biz-zieda ta’ Lm91 ghal *cost of living increase* (Lm6841). Kien fuq din il-bazi li gew komputati l-prospetti a fol. 35 *et sequitur*. Ara deposizzjoni ta’ Adrian Attard, impjegat tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-13 ta’ Marzu, 2009;

Premessi l-veduti ta’ naha u ta’ ohra, jibda biex jigi osservat illi skond it-tifsira ta’ l-espressjoni “<u>dhul pensjonabbli</u>” fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 il-komputazzjoni taghha tinhadem skond it-Tlettax-il Skeda ta’ l-Att. Hu, imbaghad, provvdut fis-subinciz (4) ta’ din l-Iskeda illi “l-paga jew salarju bazici jew tad-dhul nett jew il-qliegh nett, skond il-kaz, u d-dhul pensjonabbli rizultanti jew xi ammont iehor li jissostitwih taht id-disposizzjonijiet ta’ dan l-att <u>m’ghandhomx ikunu aktar</u> minn dak l-ammont li l-Ministru jista’, bi ftehim mal-Ministru responsabbli ghal finanzi, jistabilixxi minn zmien ghal zmien b’ordni fil-Gazzetta”. Ordni konsimili jaghmilha l-Avviz Legali 5 ta’ l-2007 li, fl-Artikolu 3 tieghu, espressament jipprovdi illi ghall-fini ta’ l-espressjoni suddetta “*the pensionable*

*income shall* <u>*in no case*</u> *(a) exceed Lm6841 per annum with effect from the 1st January, 2005*" u "*(b) exceed Lm6958 per annum with effect from the 7th January, 2006*";

Ta' rilevanza wkoll ghas-soluzzjoni tal-kontroversja hu fil-hsieb tal-Qorti l-proviso ghas-subinciz (5) (a) tat-Tlettax-il Skeda li jipprovdi illi "fil-kaz ta' persuna mwielda fil-31 ta' Dicembru 1951 jew qabel, id-dhul pensjonabbli li jirrizulta nkluza kull zieda ghall-gholi tal-hajja bhal dik m'ghandhiex tkun izjed minn l-ammont ta' Lm7500". Minn dan huwa inferit b'sinjifikat illi ghar-rigward ta' persuni hekk imwielda, bhal ma hu proprju l-kaz ta' l-appellanti, fl-ammont li hu stabbilit bhala d-dhul pensjonabbli huwa kompriz iz-zieda ghall-gholi tal-hajja. Dan allura, dejjem fil-fehma konsiderata tal-Qorti, jattalja ruhu ma' l-ispjegazzjoni esposta mid-Direttur sew fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-Arbitru, kif ukoll permezz tax-xhieda ta' Adrian Attard, illi l-ammonti ta' Lm6841 (sena 2005) u Lm6958 (sena 2006) huma diga` komprensivi taz-zidiet ghal gholi tal-hajja;

Skjarita din il-qaghda kif tinzel mill-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi principali u ta' l-Avviz Legali precitat ma jidherx li l-gravam sottomess mill-appellanti ghandu fondament legali u dan ma jistax ghalhekk jippretendi illi ma' l-imsemmija ammonti ghandhom jizdiedu wkoll, ghal fini tal-kalkolu tal-pensjoni tieghu, awmenti agguntivi ghall-gholi tal-hajja in kwantu dawn huma diga`, u effettivament, inkorporati fil-pensjoni massimali skond kif stabbiliti fl-ordni tal-Ministru responsabbli bl-Avviz Legali 5 ta' l-2007. Mod iehor, il-pretensjoni ta' l-appellanti tkun tfisser illi l-kalkolazzjoni tar-rata tal-pensjoni riveduta tieghu tinhadem fuq iz-zieda, ghal darbtejn, tal-gholi tal-hajja, u din, certament, ma kienetx il-mira tal-volonta` tal-legislatur meta ddetta l-ligi jew ippubblika l-ordni Ministerjali.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Fic-cirkustanzi l-ispejjez gudizzjarju ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------